**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 108/97***

***Pulizija***
***Sp. Walter Spiteri***
**v**
***Daniel sive Danny Orsini***

Illum 29 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali aggravat bl-intenzjoni tar-raza** mehuda mill-pjanta tal-cannabis; **Traffikar** tal-istess droga *f' Gunju 1996 u matul ix-xhur ta' qabel*; Kif ukoll ksur tal-liberta' kondizzjonata.

Illi l-imputat fl-istadju finali tal-procediment ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-imputat, u precisament il-kondizzjoni ta' sahha tieghu, kif ukoll id-dependenza tieghu fuq id-droga u l-fedina penali relattivament nadifa tieghu. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-isforz genwin li huwa qed jghamel biex jehles mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat l-Artikolu 22 (2)(b)(I) tal-Kap.101 u l-Artikolu 10 (1) tal-Kap.152, tikkundannah ghall-***piena komplessiva ta' sitt xhur prigunerija*** – mill-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat dam mizmum that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz - u ***multa ta' mitejn lira maltin (LM200).***

Il-Qorti tghamel rakkomandazzjoni lid-Direttur tac-CCF sabiex l-imputat jigi kkunsidrat favorevolment bhala kandidat ghall-programm SATU.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***